Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0206

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Ilaria Salis

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2025 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Ilaria Salis (2024/2086(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Ilaria Salis, tal-10 ta’ Ottubru 2024, imressqa mill-Qorti Reġjonali tal-Kapitali Budapest b’rabta mal-proċedimenti kriminali pendenti quddiem dik il-qorti, u mħabbra fil-Parlament fit-22 ta’ Ottubru 2024,

– wara li sema’ lil Ilaria Salis fit-13 ta’ Frar 2025 u wara li kkunsidra d-dokumenti mressqa minnha matul il-proċedura, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra informazzjoni addizzjonali mogħtija mill-Qorti Reġjonali tal-Kapitali Budapest,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta’ Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b’vot dirett universali,

– wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta’ Ottubru 2008, fid-19 ta’ Marzu 2010, fis-6 ta’ Settembru 2011, fis-17 ta’ Jannar 2013, fid-19 ta’ Diċembru 2019

u fil-5 ta’ Lulju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0183/2025),

A. billi, fl-10 ta’ Ottubru 2024, l-Qorti Reġjonali tal- Kapitali Budapest resqet talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Ilaria Salis, Membru tal-Parlament Ewropew eletta fl-Italja, b’rabta ma’ proċedimenti kriminali pendenti quddiem dik il-qorti;

B. billi, skont it-talba, membri ta’ organizzazzjoni stabbilita fil-Ġermanja ddeċidew fl-2022 li jwettqu attakki kkoordinati vjolenti f’Budapest kontra simpatizzanti tal-lemin estrem, jew persuni mhux identifikati perċepiti jew issuspettati li huma tali, u ppjanaw dawk l-attakki għall-11 ta’ Frar 2023, u l-jiem ta’ qabel u ta’ wara dan il-jum, li jfakkar l-hekk imsejjaħ Jum tal-Unur, avveniment annwali f’Budapest li jikkommemora tentattiv ta’ ħarba mit-truppi Nazisti assedjati fl-1945 u li huwa punt tal-laqgħat għax-xena neo-Nażista tal-Ewropa; billi, skont it-talba, Ilaria Salis ivvjaġġat lejn l-Ungerija biex tipparteċipa f’dawk l-attakki kkoordinati u ħadet sehem fihom fl-10 u fil-11 ta’ Frar 2023; billi kien hemm rapporti ta’ ġlied u inċidenti ta’ vjolenza mwettqa mill-individwi li ċċelebraw l-hekk imsejjaħ Jum tal-Unur; billi l-Qorti Reġjonali tal-Kapitali Budapest semmiet li madankollu ma kienet konxja tal-ebda att vjolenti mwettaq minn xi parteċipant fil-kommemorazzjoni tal-hekk imsejjaħ Jum tal-Unur tal-2023 li seta’ jwassal biex tittieħed kwalunkwe azzjoni kontra tali parteċipazzjoni, għajr Ilaria Salis u żewġ akkużati oħra fil-kawża;

C. billi, skont it-talba, Ilaria Salis, waħda mit-tliet akkużati fil-kawża, ġiet mixlija bi tliet akkużi ta’ attentat ta’ offiża ta’ persuni li jikkawża ħsara fiżika ta’ theddida għall-ħajja fil-qafas ta’ organizzazzjoni kriminali, f’konformità mal-ewwel parti tat-Taqsima 164(8) u bi ksur tat-Taqsima 164(1) tal-Att C tal-2012 dwar il-Kodiċi Kriminali Ungeriż, darbtejn bħala ko-attriċi tar-reat u darba bħala kompliċi; billi l-atti allegatament imwettqa minn Ilaria Salis għalhekk

---

[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta’ Ottubru 2008, *Marra* vs *De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ Marzu 2010, *Gollnisch* vs *il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta’ Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Jannar 2013, *Gollnisch* vs *il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta’ Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta’ Lulju 2023, *Puigdemont i Casamajó et* vs *Il-Parlament*, T-272/21, ECLI:EU:T:2023:373.

jikkostitwixxu reati kriminali skont il-Kodiċi Kriminali Ungeriż;

D. billi Ilaria Salis ġiet eletta fil-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet Ewropej f'Ġunju 2024;

E. billi r-reati allegati ma jikkostitwux, u t-talba sussegwenti għat-tneħħija tal-immunità ta' Ilaria Salis, mhijiex relatata ma', opinjoni espressa jew vot mitfugħ minn Ilaria Salis fil-qadi ta' dmirijietha skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

F. billi l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, jipprevedi li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom u, fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull miżura ta' detenzjoni u minn proċedimenti legali;

G. billi, f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, l-immunità parlamentari mhijiex privileġġ personali tal-Membru, iżda garanzija tal-indipendenza tal-Parlament Ewropew kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu;

H. billi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-Parlament għandu "setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-orjentazzjoni li kellu intenzjoni jagħti lid-deċiżjoni fir-rigward ta' talba għat-tneħħija tal-immunità [...], minħabba n-natura politika li għandha tali deċiżjoni"[1];

I. billi, fl-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni wiesgħa, il-Parlament sab f'dan il-każ partikolari li Ilaria Salis kienet soġġetta għal kundizzjonijiet u miżuri ħorox ta' detenzjoni matul il-proċedimenti kriminali kontriha; billi jidher li l-Qorti Reġjonali tal- Kapitali ta; Budapest mhi konxja ta' ebda att vjolenti mwettaq minn kwalunkwe parteċipant ieħor, b'mod partikolari dawk li kkomemoraw l-hekk imsejjaħ Jum tal-Unur fl-2023, li seta' jwassal biex tittieħed kwalunkwe azzjoni kontrihom; billi jidher, għalhekk, li hemm dubju li ma setax jiġi eliminat rigward l-informazzjoni riċevuta; billi l-għan sottostanti tal-proċedimenti u tat-talba sussegwenti għalhekk jidher li huwa li Ilaria Salis tiġi msikkta minħabba l-opinjonijiet politiċi u l-attiviżmu tagħha li ilhom jeżistu, b'mod partikolari billi topponi l-kommemorazzjoni neo-Nazista annwali awtorizzata li ssir f'Budapest, li huma wkoll il-bażi tal-impenn u l-attività politika tagħha fil-kapaċità tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

J. billi għalhekk jidher li dan huwa każ fejn wieħed jista' jassumi l-

---

[1] Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch* vs *Il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23, il-punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata.

eżistenza ta’ każ ta’ *fumus persecutionis*, jiġifieri hemm “evidenza konkreta”[1] li l-intenzjoni wara l-proċedimenti ġudizzjarji inkwistjoni hija li tiġi mminata l-attività politika ta’ Ilaria Salis fil-kapaċità tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

K. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti, u min-naħa l-oħra il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta’ proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala “akkużat”[2];

1. Jiddeċiedi li ma jneħħix l-immunità ta’ Ilaria Salis;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tal-Ungerija u lil Ilaria Salis.

---

1 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta’ Settembru 2020, *Troszczynski* vs *Il-Parliament*, C-12/19, ECLI:EU:C:2020:725, punt 26.

2 Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta’ April 2019, *Briois* vs *Il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.